MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 8/2012

**Peter Farrugia**
**ID No. 233236(M)**

**Vs**

**Jacqueline Fenech**
**ID No. 655863(M)**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta’ Jannar, 2012 fejn l-attur qieghed jinterpella lill-konvenuta thallsu s-somma ta’ sitt mija u wiehed u sebghin Ewro u disa’ u sittin centezmu (€671.69) li huwa hallas lill-ARMS Limited ghall-arrettrati tal-kontijiet tad-dawl u ilma li l-konvenuta kkonsmat waqt li kienet tirrisjedi fil-fond lilha mikkri mill-attur u cioe’ f’98 Triq it-Tarzna Paola, PLA 1128.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.
Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti tat-23 ta' Mejju 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2012 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ra n-nota datata 15 ta' Marzu, 2012 li giet ipprezentata mill-attur, u li permezz taghha l-istess attur talab riduzzjoni fis-sorte ghall-ammont ta' wiehed u sebghin Ewro u disa' u sittin centezmu (€71.69),.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna l-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' wiehed u sebghin Ewro u disa' u sittin centezmu (€71.69) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------